# FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN, 16 TA' SETTEMBRU, 1996

Avviz Nru.258/96

Express Handling Services Limited

vs

Adrian Calleja

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Mejju, 1996, fejn intalab il-hlas ta' Sebgha u ghoxrin Lira Maltija u sittin centezmu (Lm27.60), prevja d-dikjarazzjoni li l-attur huwa kreditur tal-konvenut fis-somma imsemmija, rapprezentanti "charges" lokali u cioe' dokumentazzjoni tad-Dwana, hlas lil Air Malta, spezzjonijiet, clearance mid-Dwana u V.A.T. li l-attur inkorra waqt servizz li kien qieghed joffri lill-konvenut fuq inkarigu tieghu stess f'April, 1995.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji tat-12 u tal-20 ta' April, 1996, u dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Mejju, 1996, u bl-imghaxijiet legali minn April, 1995, sad-data tal-eventwali hlas, ilkoll kontra l-konvenut li huwa ngunt biex jidher ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma pprezentax risposta fir-rigward, u lanqas ma deher;

Semgha x-xhieda ta' Dr Ruth Borg ghas-socjeta' attrici li kkonfermat li l-ammont intier ghadu dovut.

Ghaldaqstant jirrizulta l-ammont in kwistjoni huwa dovut;